Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0124

L-emenda tal-Att Elettorali Ewropew li tippermetti lill-Membri jivvutaw fil-plenarja permezz ta’ prokura waqt it-tqala u wara li jwelldu

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta’ April 2026 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b’vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta’ Settembru 1976 (06708/2026 – C10-0078/2026 – 2025/0900(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (06708/2026),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 223(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (C10-0078/2026),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-13 ta’ Novembru 2025 dwar l-emenda tal-Att Elettorali Ewropew, li tippermetti lill-Membri jivvutaw fil-plenarja permezz ta’ prokura waqt it-tqala u wara li jwelldu[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A10-0123/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-

[1] ĠU C, C/2026/1667, 22.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1667/oj.

Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.